MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 741/2006

**George Borg**

**vs**

**Dr Andrew Chetcuti Ganado u**
**Paul Abela**
**bhala stralcarji tal-kumpanija Sea Malta Co Ltd**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas ta’ elf wiehed u sebghin Liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmi (LM 1,071.23) rapprezentanti bilanc ta’ hlas ta’ ‘notice’ u redundancy terminal benefit spettanti lill-attur in segwitu’ ta’ tmiem ta’impjieg tal-attur minn mas-socjeta Sea Malta Co Ltd fl-ahhar ta’ Dicembru, 2005 li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Bl-Ispejjes u imghaxijiet legali.

Ra li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikata;
.

Ra li s-socjeta’ konvenuta naqset tikkontesta l-Kawza;

Xehed bil-gurmanet l-attur fis-seduta tat-2 ta’ Novembru, 2006 fejn ikkonferma li l-ammont mitlub huwa dovut.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------